



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 5.8.2015
COM(2015) 388 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-
KUNSILL**

dwar ir-regoli li jiggvernaw il-livelli tal-applikazzjoni tar-rekwiżit prudenzjali

WERREJ

1.	Introduzzjoni	3
2.	Ħarsa ġenerali tar-regoli li jiggvernaw il-livelli tal-applikazzjoni tar-rekwiżiti prudenzjali stipulati fis-CRD u s-CRR	4
2.1.	Ir-regola ġenerali ta' superviżjoni fuq żewġ livelli	4
2.1.1.	Regola ġenerali konsistenti mal-istandards tal-BCBS	4
2.1.2.	Iż-żewġ livelli tal-applikazzjoni jikkumplementaw lil xulxin	4
2.2.	Eċċezzjonijiet għar-regola ġenerali	5
2.3.	Ġustifikazzjonijiet għall-eżenzjonijiet	6
2.4.	Użu ta' eżoneri fl-UE	7
3.	Kwistjonijiet identifikati fir-regoli li jiggvernaw il-livelli tal-applikazzjoni tar-rekwiżiti prudenzjali	7
3.1.	Differenzi fid-derogi applikati għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u impriżi ta' investiment	7
3.2.	L-ebda integrazzjoni ta' aspetti ta' riżoluzzjoni fir-regoli	8
3.3.	L-eżistenza ta' derogi b'kamp ta' applikazzjoni mhux xieraq	8
3.4.	Kondizzjonijiet inkompluti għall-applikazzjoni ta' eżenzjonijiet	8
3.5.	In-nuqqas ta' allinjament tar-regoli ta' eżenzjoni bejn is-CRD u s-CRR	9
3.6.	Monitoraġġ insuffiċjenti tal-entitajiet esklużi mill-ambitu ta' rekwiżiti prudenzjali ...	9
3.7.	Kwistjonijiet ta' interpretazzjoni identifikati	10
3.7.1.	Riskju ta' interpretazzjoni diverġenti dwar kif japplikaw ir-regoli tar-remunerazzjoni fuq bażi konsolidata	10
3.7.2.	Riskju ta' interpretazzjoni diverġenti tal-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni ta' eżoneri	10
3.7.3.	Trattament mhux ċar tal-istituzzjonijiet li jkollhom parteċipazzjonijiet f'entitajiet finanzjarji stabbiliti f'pajjiżi terzi	11
4.	Konklużjoni	11

1. INTRODUZZJONI

Is-superviżjoni ta' grupp bankarju li hija komposta minn bosta istituzzjonijiet ta' kreditu jew kumpaniji ta' investment (minn issa 'l quddiem "istituzzjonijiet") titwettaq fuq żewġ livelli, il-livell tal-grupp bankarju kollu kemm hu u l-livell ta' kull istituzzjoni tal-grupp. L-ewwel livell jikkorrispondi mas-superviżjoni fuq bażi konsolidata u t-tieni livell jikkorrispondi mas-superviżjoni fuq bażi individwali. Skont dan il-prinċipju tas-superviżjoni fuq żewġ livelli, ir-regoli prudenzjali tal-bank stabbiliti fid-Direttiva 2013/36/UE¹ (minn issa 'l quddiem "CRD") u r-Regolament (UE) Nru 575/2013² (minn issa 'l quddiem "CRR") japplikaw kemm fuq il-livell individwali u kif ukoll fuq dak konsolidat. Madankollu, dan il-prinċipju huwa soġġett għal għadd ta' eċċezzjonijiet.

L-għan ta' dan ir-rapport huwa li tkun ivvalutata l-adeqwatezza tar-regoli li jiggvernaw il-livelli tal-applikazzjoni tar-rekwiżiti prudenzjali stabbiliti fis-CRD u s-CRR, partikolarment fis-sistema ta' eżenzjonijiet. Dan ir-rapport ikopri b'mod konġunt żewġ mandati mogħtija lill-Kummissjoni mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill kif speċifikat fl-Artikolu 161(4) tas-CRD u l-Artikolu 508(1) tas-CRR:

- l-ewwel mandat jeħtieġ li l-Kummissjoni tanalizza l-applikazzjoni tal-Artikoli 108 u 109 tas-CRD u tirraporta dwarha lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sal-31 ta' Diċembru 2014, flimkien ma' kwalunkwe proposti leġiżlattivi xierqa. dawn iż-żewġ artikoli jispeċifikaw il-livelli tal-applikazzjoni tar-rekwiżiti prudenzjali stipulati fl-Artikoli minn 73 sa 96 tas-CRD, fir-rigward tal-proċess ta' Valutazzjoni Interna dwar l-Adegwatezza tal-Kapital (Internal Capital Adequacy Assessment Proċess - ICAAP), arranġamenti ta' governanza, ġestjoni tar-riskju u politiki ta' remunerazzjoni;
- it-tieni mandat jeħtieġ li l-Kummissjoni tanalizza u tirrapporta l-applikazzjoni tal-Parti Wieħed, it-Titolu II u l-Artikolu 113(6) u (7) tas-CRR. Il-Parti Wieħed, it-Titolu II tas-CRR tispeċifika r-regoli għall-applikazzjoni fuq bażi individwali jew konsolidata tar-rekwiżiti prudenzjali kollha stipulati fis-CRD u s-CRR għal istituzzjonijiet, inkluż dawk f'networks kooperattivi u skemi ta' protezzjoni istituzzjonali (SPI). L-Artikolu 113(6) u (7) tas-CRR jispeċifika li l-kundizzjonijiet li għandhom ikunu sodisfatti biex istituzzjonijiet li huma membri tal-istess IPS jew istituzzjonijiet li huma marbuta minn relazzjoni fit-tifsira tal-Artikolu 12(1) tad-Direttiva 83/349/KEE jkunu eżenti fuq bażi individwali³.

Ir-rapport huwa bbażat fuq l-opinjoni mogħtija mill-Awtorità Bankarja Ewropea (EBA) f'konsultazzjoni ma' awtoritajiet lokali kompetenti fil-31 ta' Ottubru 2014⁴.

¹ Id-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tad-ditti tal-investment, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li tassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE (ĠU L 176, 27.06.2013, p. 338).

² Ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1).

³ Is-Seba' Direttiva 83/349/KEE tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 1983 ibbażata fuq l-Artikolu 54 (3) (g) tat-Trattat dwar kontijiet konsolidati (ĠU L 193, 18.07.1983, p.1).

⁴ L-Opinjoni tal-EBA dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 108 u 109 tad-Direttiva 2013/36/UE u tal-Parti Wieħed, it-Titolu II u l-Artikolu 113(6) u (7) tar-regolament (UE) Nru 575/2013 tad-29 ta' Ottubru 2013.

It-taqsimha li jmiss tagħti ħarsa ġenerali tar-regoli varji li jiġvernew l-applikazzjoni tar-rekwiżiti prudenzjali, biex nibdew b'fehim ċar tal-kwistjonijiet ikkonċernati. It-tielet taqsimha tidentifika differenzi, inkonsistenzi u kwistjonijiet ta' interpretazzjoni f'dawn ir-regoli. Il-konklużjoni tipponi mod kif ikunu indirizzati l-kwistjonijiet identifikati.

2. ĦARSA ĠENERALI TAR-REGOLI LI JIĠVERNEW IL-LIVELLI TAL-APPLIKAZZJONI TAR-REKWIŻITI PRUDENZJALI STIPULATI FIS-CRD U S-CRR

2.1. Ir-regola ġenerali ta' superviżjoni fuq żewġ livelli

Bħala regola ġenerali, grupp bankarju li huwa magħmul minn istituzzjoni waħda jew aktar huwa soġġett għal rekwiżiti prudenzjali kemm fuq bażi individwali kif ukoll fuq bażi konsolidata. Fil-livell individwali, kull istituzzjoni fil-grupp bankarju għandha tikkonforma mar-rekwiżiti prudenzjali abbażi tas-sitwazzjoni proprja tagħha skont l-Artikolu 6 tas-CRR. Fil-livell konsolidat, l-entità li tmexxi l-grupp bankarju hija meħtieġa li żżomm mar-rekwiżiti prudenzjali abbażi tas-sitwazzjoni finanzjarja konsolidata tal-grupp bankarju skont l-Artikolu 11 tas-CRR.

2.1.1. Regola ġenerali konsistenti mal-istandards tal-BCBS

Ir-regola ta' superviżjoni fuq żewġ livelli hija element ewlieni tal-Prinċipji bażiċi għal Superviżjoni Bankarja Effettiva rreveduti mill-Kumitat ta' Basel dwar is-Superviżjoni Bankarja (BCBS) f'Settembru 2012. Dawn il-prinċipji jenfasizzaw l-importanza tal-awtoritajiet superviżorji bies jissupervizzaw kull bank fil-grupp fuq bażi awtonoma, addizzjonalment mas-superviżjoni fuq bażi konsolidata.

Ir-regola ġenerali tas-superviżjoni fuq żewġ livelli hija wkoll konsistenti mal-qafas tal-BCBS ta' Ġunju 2006⁵ li jirrakomanda li regoli prudenzjali għandhom japplikaw għal kwalunkwe grupp bankarju li hu attiv internazzjonalment fuq bażi konsolidata u fil-livell ta' kull sussidjarja banarja internazzjonali fi ħdan tali grupp bankarju.

2.1.2. Iż-żewġ livelli tal-applikazzjoni jikkumplimentaw lil xulxin

Il-livelli tal-applikazzjoni huma kumplimentari. L-applikazzjoni fuq bażi individwali tippermetti li l-awtoritajiet kompetenti jiffukaw fuq l-istituzzjoni innifisha waqt li l-applikazzjoni fuq bażi konsolidata tippermetti valutazzjoni kumplessiva tal-grupp kollu li għalih tappartjeni l-istituzzjoni. Is-superviżjoni konsolidata tgħin lill-awtoritajiet kompetenti biex jidentifikaw aħjar u jimmonitorjaw it-theddidiet li entitajiet oħra tal-grupp jistgħu joħolqu għal kull istituzzjoni fil-grupp, li min-naħa tagħha ssaħħa is-superviżjoni tal-istituzzjonijiet fuq bażi individwali.

L-applikazzjoni fuq bażi individwali hija konsistenti mal-fatt li l-obbligazzjonijiet għandhom jiġihallu lura minn entitajiet legali, jiġifieri l-entitajiet prinċipali huma ġeneralment mhux legalment responsabbli għall-obbligazzjonijiet imġarrba minn sussidjarja. Fuq in-naħa l-oħra, l-applikazzjoni fuq bażi konsolidata tgħin biex ikun evitat l-għadd doppju tal-kapital fejn l-entità żżomm kapital maħruġ minn entità oħra fl-istess grupp. L-applikazzjoni fuq livell individwali min-naħa l-oħra tgħin lis-superviżuri biex jiżguraw li fondi proprji jkunu adegwament distribwiti fil-grupp banakarju u disponibbli biex jiproteġu tfaddil jew investimenti.

⁵ Il-qafas tal-BCBS ta' Ġunju 2006 - *Basel II: Konverġenza Internazzjonali ta' Kejl tal-Kapital u Standards tal-Kapital: Qafas Rivedut - Verżjoni Komprensiva*

L-applikazzjoni konsolidata tippermetti lill-awtoritajiet kompetenti biex jissuperviżjonaw lill-entitajiet finanzjarji li mhumiex direttament superviżjonati fuq bażi individwali. L-iskop tal-konsolidazzjoni jinkludi l-entitajiet kollha li jwettqu attivitajiet ta' natura bankarja jew finanzjarja, inkluż dawk li mhumiex kwalifikati bħala istituzzjonijiet bħal kumpanija maniġerjali tal-assi, istituzzjonijiet ta' pagament, jew kumpanija azzjonarja finanzjarja. Min-naħa l-oħra, l-applikazzjoni ta' rekwiżiti prudenzjali fuq bażi individwali tgħin lill-awtoritajiet kompetenti biex jaqdbu aħjar riskji intragrupp li ma jistgħux jinqabdu bl-applikazzjoni konsolidata biss.

2.2. Eċċezzjonijiet għar-regola ġenerali

Il-prinċipju tas-superviżjoni fuq żewġ livelli hija soġġetta għall-eċċezzjonijiet segwenti:

- awtoritajiet kompetenti fi Stat Membru jistgħu jeżentaw sussidjarja jew il-kumpanija prinċipali tagħha mir-rekwiżiti ta' solvenza fuq bażi individwali fejn is-sussidjarja u il-kumpanija prinċipali tagħha huma stabbiliti fi Stat Membru, huma superviżjonati fuq bażi konsolidata u suġġetti għall-istess qafas ta' ġestjoni tar-riskju mingħajr ostakolu għat-trasferiment ta' fondi skont il-kondizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 7 tas-CRR; din l-eżenzjoni tista' tkun estiża għar-rekwiżiti prudenzjali stipulati fl-Artikoli minn 74 sa 96 tas-CRD skont l-Artikolu 109(1) tas-CRD;
- awtoritajiet kompetenti fi Stat Membru jistgħu jeżentaw korp ċentrali u istituzzjonijiet ta' kreditu permanentement affiljata ma' dak il-korp ċentrali mill-konformità mar-rekwiżiti prudenzjali kollha fuq bażi individwali fejn il-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 10 tas-CRR ikunnu sodisfatti; din l-eżenzjoni tista' tkun estiża għar-rekwiżiti ta' kapital intern skont l-Artikolu 108(1) tas-CRD;
- awtoritajiet kompetenti jistgħu jeżentaw istituzzjoni prinċipali u s-sussidjarja tagħha minn rekwiżiti ta' divulgazzjoni u solvenza (bl-eċċezzjoni ta' rekwiżiti ta' ingranaġġ) fuq bażi individwali billi jippermettu li l-kumpanija prinċipali tinkorpora s-sussidjarja tagħha fil-kalkolu tar-rekwiżiti ta' solvenza tagħha meta l-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 9 tas-CRR ikunu sodisfatti;
- awtoritajiet kompetenti jistgħu jeżentaw grupp ta' istituzzjonijiet mir-rekwiżiti ta' likwidità fuq bażi individwali u jissupervizjonawhom baħal sottogrupp ta' likwidità uniku fejn il-kondizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 8 tas-CRR huma sodisfatti⁶; din l-eżenzjoni tista' tapplika wkoll għal istituzzjonijiet li huma membri tal-istess IPS u istituzzjonijiet li huma marbuta b'relazżjoni fit-tifsira tal-Artikolu 12(1) tad-Direttiva 83/349/KEE, sakemm jissodisfaw il-kundizzjonijiet stipulati fil-paragrafi 6 jew 7 tal-Artikolu 113 tas-CRR;
- Skont il-paragrafi 4 u 5 tal-Artikolu 6 tas-CRR, impriżi ta' investiment b'awtorizzazzjonijiet limitati biex jipprovdu servizzi ta' investiment mhumiex soġġetti għal rekwiżiti ta' likwidità u ingranaġġ fuq bażi individwali; awtoritajiet kompetenti jistgħu jeżentaw ukoll kwalunkwe impriża ta' investiment minn konformità mar-rekwiżiti ta' likwidità fuq bażi individwali waqt li jikkunsidraw in-natura, l-iskala u l-kumplessità tal-attivitajiet tagħha. L-Artikolu 11(3) tas-CRR jestendi din l-eżenzjoni għar-ekwiżiti ta' likwidità fuq bażi konsolidata fejn il-grupp jinkludi biss impriżi ta' investiment;

⁶ Fejn l-istituzzjonijiet huma awtorizzati f'bosta Stati Membri, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri varji jeħtieġ li jilhqqu qbil komuni skont l-Artikoli 8(3) u 21 tas-CRR.

- Skont l-Artikolu 16 tas-CRR, grupp ta' impriżi ta' investiment jitħalla ma jikkonformax mar-rekwiżiti ta' ingranaġġ fuq bażi konsolidata, sakemm l-entitajiet kollha tal-grupp ikunu impriżi ta' investiment li mhumiex soġġetti għar-rekwiżiti ta' ingranaġġ fuq bażi individwali;
- Sknt l-Artikolu 15 tas-CRR u l-Artikolu 108(1) tas-CRD, is-superviżur konsolidanti jista' jeżenta grupp ta' impriżi ta' investiment minn rekwiżiti ta' kapital u tal-ICAAP fuq bażi konsolidata, sakemm il-grupp ma jinkludix istituzzjonijiet ta' kreditu, u l-impriżi ta' investiment kollha fil-grupp iwettqu attivitajiet jew servizzi limitati ta' investiment.
- Skont l-Artikolu 6(3) jew l-Artikolu 13 tas-CRR, l-ebda istituzzjoni inkluża f'konsolidament prudenzjali, għajr sussidjarji sinifikanti, ma hi meħtieġa tikkonforma mar-rekwiżit ta' divulgazzjoni fuq bażi individwali; meta divulgazzjonijiet obligatorji ekwivalenti huma pprovduti minn impriża prinċipali stabbilita f'pajjiż terz, l-istituzzjonijiet huma eżenti mir-rekwiżit ta' divulgazzjoni fuq bażi konsolidata;
- Skont l-Artikolu 6(2) tas-CRR, l-ebda istituzzjoni inkluża f'konsolidament prudenzjali ma hi meħtieġa tapplika t-trattamenti prudenzjali stipulati fl-Artikoli 89, 90 u 91 tas-CRR fuq bażi individwali għall-parteciċipazzjoni azzjonarja f'impriżi li jwettqu attivitajiet mhux finanzjarji;
- entitajiet ta' grupp bankarju jistgħu jkunu esklużi mill-ambitu tal-konsolidament prudenzjali f'ċertu ċirkostanzi kif serkritt fl-Artikolu 19 tas-CRR.

2.3. Ġustifikazzjonijiet għall-eżenzjonijiet

L-eżenzjoni ta' istituzzjonijiet li jappartjenu għal grupp bankarju minn rekwiżiti ta' solvenza fuq bażi individwali skont l-Artikoli 7, 9 u 10 tas-CRR huwa ġustifikat meta dawn l-istituzzjonijiet jistgħu jkunu kkunsidrati bħala entità waħdanija. Dan jista' jsir fejn l-entitajiet kollha tal-grupp huma marbuta flimkien permezz ta' relazzjonijiet ta' kontroll u fejn huma superviżjonati fuq bażi konsolidata mill-istess awtorità waqt li jkunu soġġetti għal qafas maniġerjali għar-riskju għall-grupp kollu b'impenji robusti intragrupp u mingħajr ostakli għaċ-ċaqliq tal-kapital. F'tali sitwazzjoni, l-applikazzjoni tar-rekwiżiti prudenzjali fuq bażi individwali ma żżidx il-valur għas-superviżjoni fuq bażi konsolidata.

L-eżenzjoni ta' istituzzjonijiet li jappartjenu għal grupp bankarju minn rekwiżiti ta' likwidità fuq bażi individwali skont l-Artikolu 8 tas-CRR jgħin biex jiffaċilita l-ġestjoni tar-riskju tal-likwidità fil-grupp kollu u jevita puli maqbuda ta' likwidità minħabba restrizzjonijiet tal-likwidità interna tal-grupp li jirriżultaw mill-applikazzjoni ta' rekwiżiti ta' likwidità għal kull istituzzjoni fil-grupp bankarju.

L-esklużjoni ta' gripp bankarju minn konsolidament prudenzjali skont l-Artikolu 19 tas-CRR huwa meqjus xieraq, fejn l-entitajiet prinċipali jiffaċċaw restrizzjonijiet li sostanzjalment ifixklu lill-kumpanija prinċipali milli teżerċita id-drittijiet tagħha fuq is-sussidjarji, jew fejn l-attivatajiet imwettqa minn entità tal-grupp huma tant differenti minn dawk ta' entitajiet oħra tal-grupp li l-inklużjoni tagħha ma tagħtix lis-superviżuri dehra ċara tal-grupp bankarju.

L-eżenzjonijiet skont l-Artikolu 6(3) u 13 tas-CRR huma bbażati fuq il-prinċipju li l-ħtieġa li sussidjarji insinifikanti jiddivulgaw informazzjoni prudenzjali fuq livell individwali ma tikkontribwixxix b'mod sinifikanti għad-dixxiplina tas-suq, fid-dawl tal-informazzjoni prudenzjali diġà divulgata fil-livell tal-grupp.

L-eżenzjonijiet taħt il-paragrafi 4 u 5 tal-Artikolu 6 u l-Artikolu 16 tas-CRR huma dovuti għall-fatt li l-proprozzjonijiet ta' likwidità u ingranaġġ kienu oriġinarjament żviluppatti mill-

BCBS bil-għan li jkunu applikati għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u mhux għall-impriżi ta' investiment u mingħajr ma kienu kkunsidrati l-ispeċifitajiet tal-attivitajiet u s-servizzi pprovduti mill-impriżi ta' investiment.

L-eżenzjoni skont l-Artikolu 15 tas-CRR għandha l-għan li tevita li gruppi ta' impriżi ta' investiment b'servizzi jew attivitajiet limitati ta' investiment huma sproporzjonatament imtaqqla b'rekwiżiti kapitali. Madankollu, biex tkun ippreservata s-solvenza ta' dawn il-gruppi finanzjarji, l-għoti ta' din l-eżenzjoni huwa marbut ma' kundizzjonijiet addizzjonali li għandhom ikunu sodisfatti fir-rigward tal-kalkolu tar-rekwiżiti ta' kapital, fondi proprji u kontroll intern.

2.4. Użu ta' eżoneri fl-UE

L-użu ta' ċertu eżoneri fl-UE jidher relattivament limitat madwar l-UE:

- 5 biss minn 28 Stat Membru jeżonoraw skont l-Artikolu 7 tas-CRR;
- 3 Stati Membri biss jippermettu li istituzzjonijiet prinċipali jikkonsolidaw sussidjarji skont l-Artikolu 9 tas-CRR;
- għadd żgħir biss ta' entitajiet ta' grupp huma esklużi mill-iskop tal-konsolidament prudenzjali skont l-Artikolu 19 tas-CRR;
- żewġ stati membri biss jeżentaw l-istituzzjonijiet mir-rekwiżiti dwar governanza, remunerazzjoni u ġestjoni tar-riskju skont l-Artikolu 109(1) tas-CRD.

L-eżoneru skont l-Artikolu 8 tas-CRR japplika fil-kuntest transfronter biss mill-1 ta' Jannar 2015.

Għall-kuntrarju ta' dan, l-applikazzjoni tad-deroga skont l-Artikolu 10 tas-CRR għan-netwerks koperattivi hija relattivament estensiva minħabba li għadd kbir ta' korpi ċentrali u istituzzjonijiet ta' kreditu affiljati f'mill-inqas stt Stati Membri jibbenefikaw minn din l-eżenzjoni, li min-naħa tagħha tista' tippermettilhom li jkunu eżentati mir-rekwiżiti tal-ICAAP skont l-Artikolu 108(1) tas-CRD.

Waqt li jidhru li huma ta' inqas importanza materjali, l-eżenzjonijiet jistgħu jinfluwenzaw b'mod qawwi l-istruttura u l-organizzazzjoni interna tal-gruppi bankarji tal-UE u l-mod kif awtoritajiet kompetenti jissuperviżjonaw gruppi bankarji. Bidliet fir-regoli eżistenti jistgħu jirriżultaw faġġustamenti u kostijiet potenzjalment sostanzjali għal istituzzjonijiet, awtoritajiet kompetenti u l-EBA. Madankollu, jista' jkun hemm xi mertu fir-rieżami tar-reġim ta' deroga fil-futur biex jitqiesu t-tgħalimiet meħuda mill-applikazzjoni tar-rekwiżit ta' kopertura tal-likwidità u tal-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku (MSU).

3. KWISTJONIJIET IDENTIFIKATI FIR-REGOLI LI JIGVERNAW IL-LIVELLI TAL-APPLIKAZZJONI TAR-REKWIŻITI PRUDENZJALI

L-analiżi tar-regoli li jigvernaw il-livelli tal-applikazzjoni tar-rekwiżiti prudenzjali tiġbed l-attenzjoni għad-differenzi, l-inkonsistenzi u l-kwistjonijiet ta' interpretazzjoni sewenti li jistħoqilhom li jkunu ulterjorament ikkunsidrati.

3.1. Differenzi fid-derogi applikati għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u impriżi ta' investiment

Istituzzjonijiet ta' kreditu u impriżi ta' investiment huma soġġetti għal rekwiżiti prudenzjali kemm fuq bażi individwali u kif ukoll fuq bażi konsolidaat sakemm ma jkunux eżenti. Madankollu, ir-reġim ta' deroga mhux simili għaż-żewġ tipi ta' istituzzjonijiet. Kuntrarju għall

istituzzjonijiet ta' kreditu, impriżi ta' investiment jistgħu jkunu eżenti mill-konformità mar-rekwiżiti tal-likwidità u tal-ingranaġġ fuq bażi individwali skont l-Artikolu 6 tas-CRR, mingħajr ma jkunu meħtieġa li jissodisfaw kundizzjonijiet speċifiċi. Kuntrarju għall-istituzzjonijiet ta' kreditu, awtoritajiet kompetenti jistgħu jeżoneraw gruppi ta' impriżi ta' investiment milli jikkonformaw mar-rekwiżiti prudenzjali fuq bażi konsolidata skont l-Artikolu 11(3), 15 jew 16 tas-CRR.

Jista' jkun hemm xi mertu fiż-żamma ta' regoli inqas stretti għal impriżi ta' investiment, minħabba d-daqs tagħhom, in-natura tal-attivitajiet tagħhom jew il-profilu tar-riskju tagħhom. Huwa għalhekk importanti li wieħed jifhem jekk tali trattament differenzjat jista' jwassal għal effetti negattivi. Il-Kummissjoni se tirrevedi r-reġim tad-deroga li japplika għal impriżi ta' investiment bħala parti mir-rieżami kumplessiv tar-reġim prudenzjali kollu kemm hu applikabbli għall-impriżi ta' investiment li l-Kummissjoni għandha twettaq fl-2015 skont l-Artikolu 508(2) u (3) tas-CRR.

3.2. L-ebda integrazzjoni ta' aspetti ta' riżoluzzjoni fir-regoli

Il-kundizzjonijiet għall-eżenzjoni ta' istituzzjonijiet minn rekwiżiti prudenzjali fuq bażi individwali ma għandhomx jikkunsidraw aspetti ta' riżoluzzjoni. Dawn il-kundizzjonijiet jistgħu jiġu riveduti fid-dawl tar-rekwiżiti l-ġodda introdotti fid-Direttiva 2014/59/UE⁷ (minn hawn 'il quddiem "BRRD") biex iżommu l-koerenza bejn ir-riżoluzzjoni bankarja u l-mod kif gruppi bankarji huma superviżjonati. B'mod partikolari, l-eżistenza ta' ftehim ta' appoġġ finanzjarju tal-grupp kif speċifikat fil-Kapitolu III, it-Titolu II tal-BRRD jistgħu jiġu kkunsidrati meta jiġi vvalutat jekk hemmx impedimenti għall-moviment liberu ta' fondi fi ħdan il-grupp bankarju.

3.3. L-eżistenza ta' derogi b'kamp ta' applikazzjoni mhux xieraq

Awtoritajiet kompetenti jistgħu jeżentaw istituzzjonijiet mir-rekwiżiti prudenzjali stipulati fl-Artikoli minn 74 sa 96 tas-CRD fuq bażi individwali skont l-Artikolu 109(1) tas-CRD. Madankollu, l-Artikoli 74 sa 96 ikopru rekwiżiti prudenzjali fundamentali, pereżempju, l-implimentazzjoni ta' arranġamenti ta' governanza robusti, proċessi ta' ġestjoni tar-riskji effettivi u mekkaniżmi ta' kontroll intern robusti. L-awtoritajiet kompetenti għaldaqstant iżommu lura milli jagħtu din l-eżenzjoni minħabba li dawn ir-rekwiżiti huma meqjusa essenzjali għal superviżjoni prudenzjali effettiva. Huwa għalhekk aktar prudenti li jkun illimitat il-kamp ta' applikazzjoni ta' din l-eżenzjoni meta l-applikazzjoni ta' dawn ir-rekwiżiti fuq bażi individwali mhix essenzjali u tista' tkun adegwatament sostitwita b'applikazzjoni fuq bażi konsolidata.

Barra minn hekk, l-Artikolu 9 tas-CRR ma jippermettix l-eżenzjoni ta' istituzzjonijiet minn rekwiżiti ta' ingranaġġ, li huwa permess skont l-Artikolu 7 tas-CRR. Forsi ta' min jikkunsidra l-possibilità li jittejjeb l-allinjament ta' dawn iż-żewġ artikoli.

3.4. Kondizzjonijiet inkompluti għall-applikazzjoni ta' eżenzjonijiet

Istituzzjonijiet prinċipali u s-sussidjarji tagħhom jistgħu jkunu eżenti mir-rekwiżiti prudenzjali fuq bażi individwali skont l-Artikolu 7 tas-CRR, sakemm ċertu kundizzjonijiet speċifiċi fl-

⁷ Id-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 li tistabbilixxi qafas għall-irkupru u r-riżoluzzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti ta' investiment u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 82/891/KE u d-Direttivi 2001/24/KE, 2002/47/KE, 2004/25/KE, 2005/56/KE, 2007/36/KE, 2011/35/KE, 2012/30/UE u 2013/36/UE, u r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010 u (UE) Nru 648/2012, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 190).

Artikolu jkunu sodisfatti. Madanakollu, jista' jkunu hemm xi mertu li l-kundizzjonijiet kurrenti jkunu supplimentati bl-ispeċifikazzjonijiet ulterjuri ta' hawn taħt:

- Relazzjonijiet ta' kontroll bejn l-impriża prinċipali u s-sussidjarji għandhxm ikunu preżunti meta l-impriża prinċipali ikollha s-setgħa li toħroġ istruzzjonijiet vinkolanti lis-sussidjarji tagħha; kundizzjoni bħal din teżisti diġà skont l-Artikolu 10 tas-CRR;
- L-implimentazzjoni tal-qafas tal-ġestjoni tar-riskju tal-impriża prinċipali fis-sussidjarji jista' jkun preżunt meta qafas uniformi u integrat għall-ġestjoni tar-riskju ikun stabbilit kemm fl-impriża prinċipali u kif ukoll f'dik sussidjarja.

3.5. In-nuqqas ta' allinjament tar-regoli ta' eżenzjoni bejn is-CRD u s-CRR

Ir-rieżami superviżorju u l-proċess ta' evalwazzjoni (SREP) japplika fl-istess livell tal-applikazzjoni tar-rekwiżiti prudenzjali stipulati fis-CRR. Peress li l-ICAAP skont l-Artikolu 73 huwa l-punt tat-tluq tal-proċedura SREP u din tal-aħħar tkopri l-obbligi stipulati fl-Artikoli 74 sa 96 tas-CRD, il-livelli ta' applikazzjoni tar-rekwiżiti prudenzjali speċifikati fl-Artikoli 108 u 109 tas-CRD jistgħu jwasslu għal inkonsistenzi li ġejjin:

- L-ICAAP u r-rekwiżiti prudenzjali stipulati fl-Artikoli 74 sa 96 tas-CRD ma jistgħux japplikaw fl-istess livell fejn l-istituzzjonijiet huma eżentati skont l-Artikolu 108(1) jew l-Artikolu 109 (1) tas-CRD;
- Istituzzjonijiet li jibbenefikaw mid-derogi previsti fl-Artikolu 8 jew 9 tas-CRR jistgħu jkunu meħtieġa li japplikaw ir-regoli prudenzjali stipulati fl-Artikoli 73 sa 96 fuq bażi individwali;
- L-għoti tal-eżenzjoni skont l-Artikolu 108(1) tas-CRD mhuwiex determinat bl-għoti tal-eżenzjoni skont l-Artikolu 10 tas-CRR, li jfisser li l-istituzzjonijiet ta' kreditu affiljati b'mod permanenti ma' korp ċentrali jistgħu jiġu eżentati minn rekwiżiti kapitali fuq bażi individwali, filwaqt li jkunu soġġetti għal rekwiżiti tal-kapital intern;
- Istituzzjonijiet li jappartjenu għal gruppi bankarji mhumiex meħtieġa jimplementaw l-ICAAP fuq bażi individwali filwaqt li huma soġġetti għal rekwiżiti ta' solvenza f'dan il-livell.

Il-livelli ta' applikazzjoni tal-ICAAP u r-regoli prudenzjali dwar l-arranġamenti ta' governanza, il-ġestjoni tar-riskju u l-politiki ta' remunerazzjoni kif stipulati fl-Artikoli 108 u 109 tas-CRD jistgħu għalhekk isiru konsistenti mal-livelli ta' applikazzjoni tar-rekwiżiti prudenzjali l-oħra stipulati fis-CRR u s-CRD. It-talba tal-ICAAP għal kull istituzzjoni fi grupp bankarju kbir jista', madankollu, jiġi kkunsidrat bħala eċċessivament peżanti, b'mod partikolari għal dawk l-istituzzjonijiet li mhumiex sinifikanti f'relazzjoni mal-bqija tal-grupp. Flimkien ma' rekwiżiti tal-ICAAP fuq bażi kkonsolidata, fejn applikabbli, l-ICAAP jista' għalhekk japplika fuq bażi individwali għal kull istituzzjoni, inklużi dawk li jappartjenu għal gruppi bankarji, ħlief meta l-awtoritajiet kompetenti jagħmlu użu mid-derogi fl-Artikoli 7, 9 jew 10 tas-CRR, filwaqt li titqies l-importanza tal-istituzzjoni f'relazzjoni mal-bqija tal-grupp.

3.6. Monitoraġġ insuffiċjenti tal-entitajiet esklużi mill-ambitu ta' rekwiżiti prudenzjali

Gruppi bankarji jitħallew jeskludu entitajiet ta' grupp mill-ambitu tal-konsolidament prudenzjali skont l-Artikolu 19(1) tas-CRR mingħajr referenza lill-awtoritajiet kompetenti tagħhom. Madankollu, jista' jkun utli li jiġu vvalutati l-kostijiet u l-benefiċċji li l-gruppi bankarji jkunu meħtieġa jinnotifikaw l-użu tal-eżoneru skont dan l-Artikolu lill-awtoritajiet

kompetenti sabiex dawn tal-aħħar jagħtu permess lill-banek qabel ma jwettqu esklużjonijiet u jimmonitorjaw l-għadd ta' entitajiet u l-volum ta' assi koperti minn dan l-eżoneru.

3.7. Kwistjonijiet ta' interpretazzjoni identifikati

3.7.1. Riskju ta' interpretazzjoni diverġenti dwar kif japplikaw ir-regoli tar-remunerazzjoni fuq bażi konsolidata

L-Artikolu 92(1) tas-CRD jeħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jiżguraw li l-prinċipji u r-regoli dwar ir-remunerazzjoni stipulati fl-Artikoli 92 sa 95 tas-CRD japplikaw għall-istituzzjonijiet fil-livell ta' grupp, tal-kumpanija prinċipali u tal-livell sussidjarji, inklużi dawk stabbiliti fiċ-ċentri finanzjarji offshore. Il-Premessa 67 tas-CRD tiċċara li dan isir biex jipproteġġi u jrawwem l-istabbiltà finanzjarja fi ħdan l-Unjoni u biex jiġi indirizzat kwalunkwe evitar possibbli tar-rekwiżiti stabbiliti fis-CRD.

Għadd ta' rekwiżiti ta' remunerazzjoni fl-Artikolu 92 tas-CRD japplikaw biss għal persunal li l-attivitajiet tiegħu jħallu impatt materjali fuq il-profil tar-riskju tal-istituzzjoni. Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 604/2014⁸ stipula kriterji li jidentifikaw tali persunal fil-livell ta' grupp, kumpanija prinċipali u livelli sussidjarji.

Barra minn hekk, skont l-Artikolu 92(2) tas-CRD ir-rekwiżiti ta' remunerazzjoni għandhom ikunu applikati b'mod u sal-punt li huwa xieraq għad-daqs, l-organizzazzjoni interna u n-natura tal-istituzzjonijiet, l-ambitu u l-komplessità tal-attivitajiet tagħhom. Il-linji gwida tal-ABE aġġornati dwar l-applikazzjoni ta' regoli dwar ir-remunerazzjoni għandu jkun fih aktar gwida dwar l-ambitu tal-kunċett ta' "grupp" u l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' proporzjonalità, li se jgħinu biex ikunu indirizzati r-riskji ta' interpretazzjoni diverġenti u l-applikazzjoni ta' regoli dwar ir-remunerazzjoni.

Għandu jiġi osservat ukoll li l-Artikolu 161(2) tas-CRD jipprovdi biex il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-EBA, tirieżamina d-dispożizzjonijiet dwar ir-remunerazzjoni sat-30 ta' Ġunju 2016. Dan ir-rieżami, fost elementi oħra, se jivvaluta l-effiċjenza, l-implimentazzjoni u l-infurzar tad-dispożizzjonijiet dwar ir-remunerazzjoni, inkluża l-identifikazzjoni ta' kwalunkwe lakuna li toriġina mill-applikazzjoni tal-prinċipju tal-proporzjonalità.

3.7.2. Riskju ta' interpretazzjoni diverġenti tal-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni ta' eżoneri

L-istituzzjonijiet jistgħu jiġu eżentati minn rekwiżiti ta' solvenza jew ta' likwidità skont l-Artikoli 7, 8 jew 9 tas-CRR, sakemm ma jkun hemm l-ebda impediment għall-movimenti tal-fondi. Madankollu, is-superviżuri jistgħu jiffaċċjaw diffikultajiet fl-identifikazzjoni ta' impedimenti. L-iċċarar ta' dan jista' jgħin biex tittejjeb il-konverġenza tal-prattiki superviżorji dwar l-applikazzjoni tal-eżoneri. B'mod aktar ġenerali, il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dawn l-Artikoli, speċjalment fl-Artikolu 8 tas-CRR, jistgħu jibbenefikaw minn speċifikar ulterjuri dwar kif jista' jitnaqqas ir-riskju ta' interpretazzjoni diverġenti minn awtorità għall-oħra.

⁸ Ara l-Artikolu 1 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 604/2014 tal-4 ta' Marzu 2014 li jissupplimenta d-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li jikkonċerna l-istandards tekniċi regolatorji fir-rigward tal-kriterji kwalitattivi u kwantitattivi xierqa biex jiġu identifikati l-kategoriji ta' persunal li l-attivitajiet professjonali tagħhom għandhom impatt materjali fuq il-profil tar-riskju tal-istituzzjoni (ĠU L 167, 6.6.2014, p. 30)

3.7.3. Trattament mhux ċar tal-istituzzjonijiet li jkollhom parteċipazzjonijiet f'entitajiet finanzjarji stabbiliti f'pajjiżi terzi

L-Artikolu 22 tas-CRR u l-Artikolu 108(4) tas-CRD jistipulaw li istituzzjoni sussidjarja li jkollha parteċipazzjoni f'entità finanzjarja stabbilita f'pajjiżi terzi tapplika fuq bażi subkonsolidata ir-rekwiżiti tal-kapital u ta' skopertura kbira kif ukoll ir-regoli relatati ma' parteċipazzjonijiet kwalifikanti u dawk relatati mal-ICAAP. Madankollu, l-għan ta' dawn iż-żewġ Artikoli huwa miftuħ għal diversi interpretazzjonijiet possibbli. Konsegwentament, it-trattament applikabbli għall-istituzzjonijiet li jkollhom parteċipazzjonijiet f'entitajiet finanzjarji stabbiliti f'pajjiżi terzi jista' jkun ċarat.

4. KONKLUŻJONI

Ma jidhirx xieraq li jkunu proposti emendi għar-regoli eżistenti fid-dawl tar-rapport għax il-Kummissjoni teħtieġ li tkompli tirrifletti aktar dwar jekk u kif dawn l-eċċezzjonijiet u l-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni tagħhom għandhomx jinżammu. Xi wħud minn dawn il-kunsiderazzjonijiet se jkunu partikolarment xierqa fil-kuntest tal-MSU. Barra minn hekk, peress li xi regoli huma ġodda jew ma ntużawx b'mod estensiv, esperjenza fl-applikazzjoni tagħhom għad trid tiġi miksuba sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tivvaluta bir-reqqa l-possibbiltà li jiġu emendati r-regoli eżistenti.

Jidher ukoll partikolarment importanti li jiġu kkunsidrati l-konklużjonijiet tar-rapport dwar ir-reġim prudenzjali tal-impriżi ta' investiment Ewropej li l-Kummissjoni għandha toħroġ f'konformità mal-Artikolu 508(2) u (3) tas-CRR qabel ma tiġi kkunsidrata l-possibbiltà li jinbidlu r-regoli applikabbli għall-impriżi tal-investment.

Fl-aħħar nett, l-esperjenza miksuba mill-awtoritajiet kompetenti fl-implimentazzjoni tar-rekwiżit ta' kopertura tal-likwidità u l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet stabbiliti fil-BRRD se jikkontribwixxu għar-riflessjoni tal-Kummissjoni dwar jekk l-emendi għall-applikazzjoni ta' reġim għar-rekwiżiti prudenzjali bankarji jkunux aktar xierqa.